# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKEJJEL PRIMARJI 2001
**Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

| | | |
|---|---|---|
| **Is-Sitt Sena** | **MALTI (Qari)** | **Ħin: 20 minuta** |

**Isem: ______________________ Klassi: ______________**

## A. Immarka (X) taħt IVA jew Le

| | IVA | LE |
|---|---|---|
| 1. Fil-Milied naqla' ħafna rigali. | | |
| 2. L-iskola noqogħdu naraw it-televixin. | | |
| 3. Biex tgħaddi mill-eżami trid tistudja. | | |
| 4. Tifel bil-għaqal jagħmel ix-xogħol tajjeb. | | |
| 5. Fix-xitwa tkun ħafna sħana. | | |
| 6. Il-ħmar jinbaħ. | | |

**(3 marki)**

## B. Agħmel sinjal taħt il-kelma li ma taqbilx

1. tifel, raħal, pulizija, mara, kuġin.
2. kaboċċa, pastarda, basal, patata, banana.
3. gallettina, ilma, ħalib, te', kafe'.
4. pitazz, ballun, ktieb, lapes, riga.
5. qmis, qalziet, flokk, żarbun, basket.
6. għasfur, iljun, tigra, qattus, kelb.

**(3 marki)**

## Ċ. Qabbel kolonna A ma' kolonna B bin-numri.

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | F'tellieqa kulħadd | | il-banda ddoqq il-marċi. |
| 2. | Meta niġġieled ma xi ħadd | | insir mekkanik. |
| 3. | Fil-għalqa tan-nannu | | invenzjoni moderna. |
| 4. | Meta nikber nixtieq | | jixtieq jiġi l-ewwel. |
| 5. | Fil-festa tar-raħal | | hemm il-qamħ miżrugħ. |
| 6. | Il-kompjuter huwa | | nipprova nagħmel paċi. |

**(3 marki)**

**D. Agħżel it-tajba billi tagħmel sinjal taħtha**

1. Kelb rieqed la (miet, tqajmux, ħareġ, ħabat).
2. Is-Sajf huwa (jum, sena, xahar, staġun).
3. It-tfal kollha jħobbu (jaħdmu, jorqdu, jilagħbu, jisimgħu) xi storja.
4. It-tifel serraħ dahru ma' (dahar, dar, dawwar, dawra) is-siġġu.
5. Kulħadd (qatt, qagħad, qagħdu, qadd) kwiet biex jisma' sewwa.
6. Il-karnival huwa żmien il- (belha, belgħa, bluha, biegħ).

**(3 marki)**

**E. Għaqqad il-kelma man-numri biex turi x'ngħidulhom.**

saqajn

denb



dahar

għajnejn

widna

mnieħer

**(3marki)**

# SKEJJEL PRIMARJI
# EŻAMIJIET ANNWALI
# 2001
## Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| IS-SITT SENA | MALTI (Kitba) | ĦIN: Siegħa u Nofs |
|---|---|---|

**Isem:** _________________________ **Klassi:** _______________

**Skola:** ________________________ **Marki:** ________



**AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ**

- **Aqra din il-faċċata, imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.**
- **Qabel tikteb it-tweġiba ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.**
- **Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.**
- **Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.**
- **Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li tkun għamilt u timla xi vojt li tkun ħallejt.**

## META ĠESU` QABDU L-GĦATX



Għodwa waħda, Ġesu' żar l-għelieqi kbar ta' l-Ungerija. Ix-xemx kienet tisreġ sewwa u Ġesu', li kien ilu jterraq ħafna dakinhar, qabdu l-għatx. F'salt wieħed lemaħ bir fil-bogħod u ħaffef il-pass biex ifittex jasal ħdejh. *(para. 1)*

Kien hemm ragħaj ħdejn il-bir. Kien jistkenn mix-xemx għad-dell ta' siġra. Dan kien għadu kif spiċċa l-ikla tiegħu ta' nofsinhar u issa kien qiegħed iħejji ruħu biex jieħu nagħsa,waqt li l-merħla kienet qiegħda tomgħod l-ikel hemm fil-qrib. *(para. 2)*

"Ragħaj," qal Ġesu' lir-raġel, "Jimporta ttini xarba ilma biex naqta' l-għatx kbir li għandi?"
"Il-bir hemm qiegħed," qallu b'leħen żorr ir-ragħaj.
"Jekk trid tixrob tista' tniżżel il-barmil u timla l-ilma."
Ġesu' hekk għamel. Wara li taffa l-għatx kompla triqtu. Ġesu' kompla miexi qalb l-għelieqi u tkellem ma' bosta ragħajja u bdiewa. Imma f'dik is-sħana reġa' qabdu l-għatx. Għal darb'oħra reġa' lemaħ bir fil-bogħod u fis mar lejh. *(para. 3)*

Maġenb il-bir kien hemm ragħaj. Ma kienx jaf fejn jibda jagħti rasu għax il-merħla, minħabba d-dubbien, kienet qiegħda tiġri ma' kullimkien.
"Jekk jogħġbok tini ftit ilma biex naqta' l-għatx kbir li għandi," qallu Ġesu'.
Ir-ragħaj, għalkemm kien inkwetat. Tħassar lil dak il-barrani mdejjaq, li kien jidher li kien ilu tassew jivvjaġġa. Ġietu ħniena minn Ġesu' u qallu biex joqgħod bilqiegħda fuq il-ħaxix ħalli jistrieħ. Ir-ragħaj mar bil-bomblu f'idejh, ġibed lejn il-bir, imlieh bl-ilma frisk u newlu lill-barrani biex jixrob. *(para. 4)*



Kif dawwar wiċċu ir-ragħaj baqa' miblugħ. In-nagħaġ kienu kollha miġburin u ebda waħda minnhom ma kienet nieqsa jew tiġġerra 'l hawn u 'l hinn. Wara li kien taffa l-għatx, Ġesu' rringrazzja lir-ragħaj u kompla triqtu. *(para. 5)*

***(Kitba ta' Emanuel W. Zarb)***

**A. Wieġeb il-mistoqsijiet:**

1. Għodwa waħda, Ġesu` sab ruħu jivvjaġġa fl-għelieqi ta': *(para. 1)*

a. Franza. ☐
b. l-Ungerija. ☐
ċ. l-Isvezja. ☐

2. X'lemaħ fil-bogħod meta qabdu l-għatx? *(para. 1)*

________________________________________

3. Ir-ragħaj kien qiegħed jistrieħ: *(para. 2)*

a. għad-dell ta' siġra. ☐
b. fil-girna li kien hemm fl-għalqa. ☐
ċ. fl-ilma kiesaħ tal-bir. ☐

4. X'qallu r-ragħaj meta Ġesu' talbu l-ilma biex jixrob? *(para. 3)*

________________________________________

________________________________________

5.It-tieni darba li qabdu l-għatx Ġesu' ħaffef il-pass għax: *(para. 3)*

a. fil-bogħod kien lemaħ għadira bl-ilma ċar. ☐
b. kien sama' u ra x-xmara għaddejja. ☐
ċ. kien ra bir li ħdejh kien hemm ragħaj. ☐

6. Ir-ragħaj kien inkwetat. Għaliex? *(para. 4)*

________________________________________

________________________________________

7. Meta Ġesu' talbu biex jixrob ir-ragħaj: *(para. 4)*

a. qallu biex imur u jħallih bi kwietu jaqbad in-nagħaġ. ☐
b. ħatfu ħatfa kif tmiss il-liġi u ma tahx jixrob. ☐
ċ. qallu biex ipoġġi bilqiegħda u mar iġib l-ilma mill-bir. ☐

8. Ir-ragħaj baqa' miblugħ. Għaliex? *(para. 5)*

________________________________________

________________________________________

**8 marki**

9. Sib dawn is-siltiet mill-istorja u mmarka t-tweġiba t-tajba.

a. **Jistkenn mix-xemx........** *(para. 2)*

Dan ifisser li r-ragħaj: i. kien ġmielu jitbaskat fix-xemx ☐
ii. kien qiegħed jevita x-xemx ☐
iii. kien iħobb ix-xemx ħafna ☐

b. **Iemaħ bir fil-bogħod u fis ġibed lejh** *(para. 3)*

F'din is-sentenza l-kelma **lejh** qed tirreferi għal:

Ir-Ragħaj ☐ Ġesu' ☐ il-bir ☐.

ċ. **Irringrazzja r-ragħaj u kompla triqtu** *(para. 3)*

F'din is-sentenza l-azzjoni għamilha:

Ġesu' ☐ il-merħla ☐ ir-ragħaj ☐

**3 marki**

10. Sib mill-istorja kliem jew idjomi li għandhom dawn it-tifsiriet u iktibhom f'kolonna B. (L-ewwel waħda diġa' miktuba bħala eżempju)

| | A | B |
|---|---|---|
| 1. | jimxi għal ħin twil *para.1)* | *1. ilu jterraq ħafna* |
| 2. | għaġġel *(para. 1)* | |
| 3. | biex jorqod ftit *(para. 2)* | |
| 4. | kien inkwetat ħafna *(para. 4)* | |
| 5. | ħenn għalih *(para. 4)* | |
| 6. | mar lejn il-bir *(para. 4)* | |
| 7. | stagħġeb *(para. 5)* | |
| 8. | baqa' sejjer *(para. 5)* | |

**7 marki**

**B. Daħħal l-artiklu fil-vojt:** (L-ewwel waħda ssibuha lesta)



**Il-**bieraħ x'ħin konna deħlin ____ iskola rajna kelb ċkejken. ____ tfal kollha bdew jiggustawh. Xi wħud bdew imissu ____ kelb imma xi ommijiet bdew jgħidu lit-tfal li ____ aħjar iħalluh bi kwietu. Dak il-ħin daqqet ____ qanpiena u t-tfal daħlu.

**5 marki**

**Ċ. Aqleb il-kliem fil-kolonna għall-Plural:**

| | |
|---|---|
| **Eż. xahar** | Ilna iktar minn ħames *xhur* li bdejna l-iskola. |
| **1. wiżna** | Il-mama' xtrat tliet ______________ patata. |
| **2. sena** | It-tifel tal-kuġina se jagħlaq erba' ________________. |
| **3. elf** | Biex tixtri dar trid ______________ ta' liri. |
| **4. siġra** | Fil-ġnien hemm ħafna ____________ kbar. |
| **5. ġimgħa** | Il-ġenituri ta' Karl damu sitt _____________ imsefrin. |

**5 marki**

**D. Sib l-Għerq tal-verbi b'sing taħthom:**

| | |
|---|---|
| **Eżempju:** Alfred beda x-xogħol fil-ħin. | *b - d - j.* |
| 1. L-iljun werwer lil kulħadd bl-għajat. | __________ |
| 2. Marija taħsel kamritha kull nhar ta' Sibt. | __________ |
| 3. Il-ġenituri ta' Paul jifhmu fil-fjuri. 4. | __________ |
| Min iħobb il-kelb iħobb lil sidu. | __________ |
| 5. Fejn tħobb il-qalb jimxu r-riġlejn. | __________ |
| 6. Marija sajret l-ikel. | __________ |

**6 marki**



**E. Aqleb fin-Negattiv:**

**Eżempju:** Marku (mar) ma marx il-belt m'oħtu.

1. Fredu (ħareġ) __________________ bil-kelb.
2. Marija (setgħet) __________________ tiekol kollox.
3. It-tfal (kielu) __________________ il-laħam biss.
4. (Oqogħdu) ____________________ fuq il-ħaxix.
5. Meta mmur is-suq (ejjew) ____________________ miegħi.

**5 marki**

**F. Imla l-vojt b'verb minn dawk fil-ġenb:**

| | |
|---|---|
| **Eżempju:** *Studja* jekk trid tgħaddi mill-eżami. | **studja** |
| 1. Min __________ bil-mod jasal kmieni. | **mexa** |
| 2. Jason ___________ kollox f'postu meta jlesti. | **għamel** |
| 3. It-tfal ___________ l-istedina. | **laqa'** |
| 4. L-għalliem __________ lit-tfal biex jistudjaw. | **qal** |
| 5. Għalkemm lagħbet tajjeb, it-tifla xorta _________ il-logħba. | **tilef** |

**5 marki**

**Ġ. Imla l-vojt bil-kliem li ġej:**

| *ġar, ġarr, żgħar, żar, dar, dahar.* |
| --- |



1. Il- ________ tagħna raġel anzjan.

2. Ġesu' qal: "Ħallu lit-tfal __________ jiġu għandi."



3. Il-bidwi għabba kollox fuq ___________ il-ħmara.

4. Iz-ziju siefer u __________ ħafna postijiet sbieħ.



5. Id- _________ tagħna qiegħda ħdejn l-iskola.

6. Għamlet ħafna xita u l-ilma _________ xi karozzi.

**6 marki**

**G. Imla l-vojt skond kif mitlub:**

   

| | |
|---|---|
| 1. Kien hemm (6)__________ jilagħbu noli. | **1. Ikteb kelma flok in-numru.** |
| 2. Marija kellha ras____ tuġagħha. | **2. Żid il-pronom mehmuż.** |
| 3. Il-Ġimgħa jiena _________ m'ommi u missieri. | **3. Oħroġ verb fil-preżent minn *ħareġ.*** |
| 4. L- ____________ kollha jħobbu lil uliedhom. | **4. Agħti l-plural ta' *omm.*** |
| 5. ___________ sew jekk trid li tkun b'saħħtek. | **5. Agħti l-imperattiv singular ta' *kiel.*** |
| 6. Jason huwa ___________ tifel tal-klassi. | **6. Agħti s-superlattiv ta' *twil.*** |
| 7. ________ kull għadma hawn mitt kelb. | **7. Daħħal *għal* jew *għall-.*** |
| 8. Morna f'restorant u l-____________ kienu kollha mimlija. | **8. Ikteb il-plural miksur ta' *mejda.*** |
| 9. Il-ħmir u l-fniek għandhom ____________ twal. | **9. L-għadd imtenni ta' *widna.*** |
| 10. It-tfal ___________ ġewwa għax kienet nieżla x-xita. | **10. Oħroġ verb fil-passat minn *baqa'.*** |

**10 marki**

**Għ. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar wieħed minn dawn is suġġetti:**

1. Meta lbist kostum fil-karnival
2. Storja li għoġbitni
3. Kull qalb trid oħra
4. Il-kompjuter tagħna
5. Ikteb ittra lis-Sindku tal-belt/raħal tiegħek.
   Faħħru għall-jum sportiv li organizza

**25 marka**